servizz pubbliku

# Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem

## MIN AĦNA

Id-Direttorat għad-drittijiet tal-Bniedem, Ministeru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili, twaqqaf bil-għan li jintlaħqu l-objettivi nazzjonali fl-oqsma tal-libertajiet ċivili, l-ugwaljanza u nondiskriminazzjoni, kif ukoll l-integrazzjoni tal-migranti. Bħala parti mill-mandat tiegħu, id-Direttorat għandu l-kompitu li jiżgura li l-proposti u l-inizjattivi jħarsu d-drittijiet fundamentali ta' kullħadd, kif minquxa fil-liġi Maltija u internazzjonali u kull fejn possibli, jissokta bil-ħolqien ta' soċjetà ugwali u ġusta. Id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem huwa magħmul minn Unitajiet dedikati li jkopru kwistjonijiet tematiċi tad-drittijiet tal-bniedem u standards ta' ugwaljanza, jiġifieri: i Taqsima Interkulturali u Kontra r-Razziżmu; ii Taqsima għall-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identita' tal-Ġeneru, l-Espressjoni tal-Ġeneru u l-Karatteristiċi tas-Sess (SOGIGESC); iii Taqsima għall-Integrazzjoni tal-Ġeneru; iv Taqsima kontra t-Traffikar tal-Bniedem; v Taqsima Legali; vi Taqsima għal-Riċerka u l-Koordinazzjoni.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2, Standards għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Pubbliku u l-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *https://humanrights.gov.mt/mt/units/integration-and-anti-racism-unit/i-belong-programme/*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

Nipprovdu informazzjoni speċifika, ċara, u ħielsa minn lingwaġġ tekniku. L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skont il-perjodi ta' żmien stipulati fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'kortesija u rispett.

### Meta żżur l-Uffiċċji tagħna

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 15-il minuta f'ċirkustanzi normali.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien jum tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 5 ijiem ta' xogħol mid-data tat-talba. Madankollu, appuntamenti jistgħu jiddependu minn listi ta' stennija tad-Dipartiment u talbiet urġenti li jistgħu jingħataw prijorità.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'kortesija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *https://humanrights.gov.mt/mt/contact/*
- Permezz tas-servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq *Issottometti ilment*

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 3 ijiem tax-xogħol.

## KIF TIKKUNTATTJANA

- Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem, A3 Towers, Triq l-Arkata, Paola PLA1211, Malta
- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 07:30-15:30 Xitwa
  07:30-12:30 Sajf; Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi : Magħluqa
- *https://humanrights.gov.mt/mt/*
- *hrd@gov.mt* jew +356 2226 3210
- Permezz tal-midja soċjali: